# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


## MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

ID-DISA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 38

Data tal-laqgħa: 14 ta' Jannar, 2026

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' nhar l-Erbgħa 14 ta' Jannar, 2026, fil-5.30p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Mariah Meli |
| Viċi Sindku | Francesca Attard |
| Kunsillieri | Christopher Fenech<br>Helen Gauci<br>Marilena Galea (SKUŻATA) |
| Deputat Segretarju Eżekuttiv | Jeanette Galea |

Il-laqgħa bdiet fil-5:40p.m. billi ntqalet it-talba.

## 38/01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

**38/01/01** Is-Sindku, is-Sa Mariah Meli, infurmat li dan il-Kunsill kien irċieva ittra t'apoloġija mingħand il-Kunsilliera, is-Sa Marilena Galea, biex tinforma li ma setatx tkun preżenti għal din il-laqgħa.

**38/01/02** Il-Kunsilliera preżenti approvaw l-ittra ta' aploġija mingħand is-Sa Galea.

## 38/02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

**38/02/01** Il-Minuti tas-seduta numru 37 li nżammet nhar it-Tnejn 15 ta' Diċembru 2025 kienu meħuda bħala moqrija.

**38/02/02** Is-Sa Meli qalet ukoll kif xtaqet li jsir korrezzjoni fuq l-attendenza fil-minuti numru 37 peress li l-Kunsill kien irċieva ittra t'apoloġija mingħand il-Kunsilliera, s-Sa Marilena Galea, ftit minuti qabel bdiet il-laqgħa. Għal din ir-raġuni, s-Sa Meli talbet l-approvazzjoni tal-Kunsilliera sabiex din tiġi emendata.

**38/02/03** Il-Minuti kienu approvati fuq proposta mill-Kunsillier, is-Sur Christopher Fenech, sekondat mill-Viċi Sindku, is-Sa Francesca Attard.

**38/02/04** Bħala punti mqajma mill-minuti preċedenti, is-Sa Mariah Meli infurmat kif l-impjegata magħżula għall-pożizzjoni ta' skrivana kienet bdiet l-impjieg tagħha nhar it-Tnejn 5 ta' Jannar 2026.

**38/02/05** Is-Sindku infurmat kif nhar Ħamis 18 ta' Diċembru 2025 dan il-Kunsill irċieva komunikazzjoni mingħand id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali sabiex jinforma lill-Kunsill li nhar l-10 ta' Diċembru 2025 ġiet mgħotija l-approvazzjoni sabiex is-Sur Alfred Cuschieri jkollu l-kuntratt ta' impjieg imġedded għal sena oħra – minn 12 ta' Frar 2026 sa 12 ta' Frar 2027.

**38/02/06** Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera kif ser ikunu qed jgħaddu għall-preżentazzjoni u approvazzjoni tar-rapporti finanzjarji tas-sena 2025. Hi spjegat ukoll kif il-Kunsill kien żamm il-laqgħa mar-residenti hekk kif inhu stipulat fil-liġi u kien ġie ppreżentat l-baġit għall-2026 u dan ser ikun qed jiġi ppreżentat u approvat matul din il-laqgħa.

**38/02/07** Is-Sa Meli żiedet tgħid kif, bħal kull xahar, kien iltaqà l-kumitat tal-finanzi sabiex jiġu vverifikata l-pagamenti mgħoddija f'din il-laqgħa u nfurmat kif matul din il-laqgħa kien ġie diskuss ukoll kif il-Kunsill ser ikun qed jimxi fuq il-kredituri li hemm. Hi qalet kif il-Kunsill ser jitlob l-intervent ta' l-avukat sabiex jiġu ppreparata kuntratti mal-kredituri sabiex dawn il-pagamenti jibdew jinqataw b'tali mod li l-Kunsill jibqalu finanzi biżżejjed biex ikun jistà jopera.

**38/02/08** Is-Sa Meli talbet approvazzjoni tal-Kunsilliera preżenti sabiex tistieden lill-accountants tal-Kunsill, lis-Sa Maria Deguara u lis-Sur Mario Borg sabiex ikunu jistgħu jgħatu spjegazzjoni aħjar tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Kunsill.

**38/02/09** Wara spjegazzjoni dettaljata mgħotija mis-Sa Deguara, is-Sindku staqsiet jekk kienx hemm xi domandi li xtaqu jressqu l-Kunsilliera preżenti dwar ir-rapporti ppreżentati.

**38/02/10** Il-baġit għas-sena 2026 kif ukoll ir-rapport finanzjarju minn Ottubru sa Diċembru 2025 ġew approvati unanimament mill-Kunsilliera preżenti.

**38/02/11** Is-Sindku irringrazzjat lill-accountants talli kienu preżenti u għal din ir-raġuni ġew skużati mill-kamra. Hi spjegat ukoll kif il-Kunsill qed jistenna komunikazzjoni mill-awdituri wara li dawn kienu ġew mgħoddija d-dokumenti kollha mitluba.

## 38/03 Komunikazzjoni mis-Sindku

**38/03/01** Is-Sindku għamlet referenza għall-fondi ta' €15,000 mgħotija mill-Kunsill Reġjonali Lvant u spjegat kif wara li din it-talba kienet ġiet milquha fil-laqgħa preċedenti tal-Kunsill, kienu nġabru kwotazzjonijiet u s-somma kienet ta' madwar €20,000.

**38/03/02** Is-Sa Meli spjegat kif, jekk ma kienx hemm oġġezzjoni mill-Kunsilliera, il-Kunsill għandu jara jekk l-kumpanija li ser tissuplixxi dawn il-fanali jistgħux jaċċettaw li l-ħlas ikun parzjalment sakemm il-Kunsill ikollu l-fondi kollha biex dan il-proġett ikun jistà jsir.

**38/03/03** Is-Sindku talbet sabiex f'din il-laqgħa jkun hemm approvazzjoni dwar dan, sabiex din tkun approvata uffiċjalment mill-Kunsill Reġjonali Lvant.

**38/03/04** Id-DSE fakret lill-Kunsill sabiex jara li jkun hemm *commitment* mir-Reġjun dwar dan peress li s'issa ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni uffiċjali dwar xi skemi finanzjarji ser ikunu maħruġa matul is-sena 2026.

**38/03/05** Is-Sindku għamlet referenza għall-komunikazzjoni li dan il-Kunsill kien irċieva mingħand is-Sur Tanti dwar l-użu tal-pixxina ġewwa Ta' Qali. Hi spjegat kif in-nies li jgħamlu użu minn din il-pixxina jridu jkunu minn tmintax-il sena '1 fuq u jistgħu jżuru l-pixxina nhar ta' Erbgħa bejn it-8 u l-10 ta' filgħodu jew inkella f'liema ħin ikunu jixtiequ nhar ta' Tlieta fil-pixxina tan-Neptunes (li qiegħed barra). Hi żiedet tgħid kif dawk li jixtiequ jgħamlu użu minn din il-pixxina għandhom jiħdu ħsieb it-trasport huma filwaqt li Sports Malta ser tkun qed tipprovdi l-*instructors*.

**38/03/06** Is-Sindku kompliet tispjega kif il-Kunsill mhu ser ikollu l-ebda impenn finanzjarju fuq din il-kollaborazzjoni ħlief li ta' kull ġimgħa l-amministrazzjoni trid tieħu nota ta' min ikun jixtieq jgħamel użu ta' dan is-servizz bla ħlas u jgħaddi din l-informazzjoni lis-Sur Tanti.

**38/03/07** Is-Sindku infurmat kif il-Kunsill kien irċieva l-allokazzjoni finanzjarja €80,504.69 għall-ewwel kwart tas-sena 2026.

**38/03/08** Is-Sindku għamlet referenza għall-laqgħa li nżammet qabel din il-laqgħa tal-Kunsill mal-Kunsill tat-tfal tal-Għargħur fejn kien hemm talba sabiex tinżamm din il-laqgħa sabiex jippreżentaw proposti mressqin mit-tfal stress.

**38/03/09** Is-Sa Meli infurmat kif hi kienet preżenti għal din il-laqgħa u xtaqet li l-proposti tagħhom jiġu ppreżentati f'din il-laqgħa. Hi spjegat kif kien hemm proponiment li jsir zipline fi Ġnien il-Paċi u infurmawa li l-*wobbly bridge* li jinsab fl-istess ġnien ma tantx jintoġob mit-tfal u spiss tinkiser malajr. Għal din ir-raġuni huma xtaqu li din il-parti tintuża għal xi ħaġa oħra. Hi żiedet tgħid li t-tfal talbu li jiżdiedu l-kameras f'dan il-ġnien sabiex ikun hemm aktar sigurta minħabba l-vandaliżżmu.

**38/03/10** Is-Sa Meli qalet kif waqt din il-laqgħa hi kienet infurmathom li uħud mill-kameras kienu tranġaw u kif il-bandli ma jibqax miftuħ matul il-lejl biex ma jkunx hemm possibilità ta' vandaliżżmu. Hi qalet ukoll kif hi infurmat lil dawn it-tfal li l-proposti li kienu mressqa f'dik il-laqgħa kienu ser jiġu ppreżentanti f'din il-laqgħa sabiex ikunu jistgħu jiġu diskussa u kkunsidrati. Hi qalet ukoll kif sfortunatament iż-*zipline* ma tistax tiġi kkunsidrata għalissa sakemm il-Kunsill ikun aħjar fil-kotba tal-finanzi jew sakemm ma jkunx hemm xi fondi mgħotija għal dan il-għan.

**38/03/11** Is-Sindku kompliet tispjega dwar l-proposta li kienet imressqa ukoll minn dawn l-istess tfal sabiex f'*Top of The World* ikun hemm *running track* ikkulurita u jkun hemm anke indikazzjoni fuq id-distanza (ez. 100 metru, 200 metru, kilometru) biex b'hekk ikunu jistgħu jikkompetu waqt li jkunu qedin jgħaddu minn din iż-żona.

**38/03/12** Is-Sa Meli kompliet tgħid li din l-idea tistà tiġi kkunsidrata bħala parti mill-proġett li qed isir f'din iż-żona u mhux ha tkun ta' spiża kbira.

**38/03/13** Is-Sa Meli qalet ukoll kif Triq il-Ġnien tkun magħluqa darba fix-xahar, eżempju nhar ta' Ħadd, u waqt din l-attività huma jixtiequ li jgħamlu xi bejħ ta' affarijiet u l-qliegħ minnu jkun jistà jgħ amlu proġett fil-komunità jew inkella jingħataw donazzjoni lill-NGO ta' l-għażla tagħhom.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


**38/03/14** Is-Sa Meli qalet kif dwar dan ser jivverifikaw jekk legalment din tistax issir.

**38/03/15** Is-Sa Meli kompliet tispjega kif dawn it-tfal kienu ressqu diversi ideat għal din iz-żona, fosthom li jkun hemm żona pedonali u li jkun hemm aktar bankijiet. Hi qalet kif lil dawn it-tfal spjegatilhom bil-proġett li ser ikun qed jinbeda daqt u kif uħud minn dawn l-ideat huma diġa inkorporati f'dan il-proġett.

**38/03/16** Il-Kunsilliera approvaw l-proposta li ssir din l-attività darba fix-xahar.

**38/03/17** Is-Sa Meli għamlet referenza għall-ħarġa li kellha tiġi organizzata mill-Kunsill sabiex lit-tfal jieħuduhom EcoHive u kif din ma kinitx saret peress li d-data li kienet intagħżlet ma kinitx tajba għat-tfal. Hi spjegat kif it-tfal reġgħu talbu sabiex din iż-żjara tiġi organizzata xi darba is-Sibt wara Nofsinhar u kif għal din ir-raġuni ser tkun qed tiġi kkomunikata data ġdida aktar 'il quddiem.

**38/03/18** Is-Sa Meli infurmat lill-Kunsill kif kienet avviċinata persuna sabiex tagħmel *wellbeing sessions* u hi ssuġġeriet li jekk tixtieq tagħmel hekk, għandha tikkunsidra li jrisu qabel ma jibdew it-training sessions l-oħra. Hi kompliet tinforma li s-sessjoni ser tkun bi ħlas għal dawk li jattendu pero b'dan il-mod jaf persuna tkun tistà tattendi ż-żewġ attivitajiet wara xulxin.

**38/03/19** Il-Kunsilliera preżenti ma sabu l-ebda oġġezzjoni dwar din it-talba.

**38/03/20** Is-Sa Meli infurmat lill-Kunsill kif hi kienet avviċinata is-Sa Kelly Pisani li kienet għamlet it-taħriġ tal-ħjata fejn talbet sabiex tuża s-sala tal-Kunsill kull nhar ta' Tlieta u Ħamis għal sagħtejn, bejn is-sitta u t-tmienja ta' filgħaxija biex tagħti aktar taħriġ fuq il-ħjata. B'dan il-mod il-Kunsill ikun kollaboratur f'din l-inizjattiva u tkun bi ħlas minħabba l-materjal li jkun hemm bżonn.

**38/03/21** Is-Sa Meli kompliet tispjega kif lis-Sa Pisani kienet diġa infurmata li fl-istess sala tal-Kunsill tinżamm il-laqgħa taal-Kunsill ta' kull xahar u ħadd ma jkun jaf id-data ħlief minn meta tiġi stabbilita fi tmiem ta' kull laqgħa. Għal din ir-raġuni, jekk id-data tal-laqgħa tal-Kunsill tinżerta fil-ġurnata ta' dan il-kors, ikun hemm bżonn li tingħata preċedenza lill-laqgħa tal-Kunsill.

**38/03/22** Kien hemm qbil dwar dan mill-Kunsilliera preżenti.

**38/03/23** Is-Sa Meli ressqet talba għall-approvazzjoni sabiex il-Kunsill Lokali jidħol f'programm ta' taħriġ li huwa minn fondi ta' l-UE flimkien ma pajjieżi oħra, bħal Greċja, sabiex ikun hemm anke l-opportunità li residenti (żgħażagħ sa' tletin sena) jkunu jistgħu japplikaw u jżuru postijiet oħra, fosthom il-Greċja.

**38/03/24** Il-Kunsilliera preżenti approvaw din it-talba sabiex issir l-applikazzjoni f'isem il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għargħur.

**38/03/25** Is-Sindku aġġornat lill-Kunsilliera preżenti dwar l-aħħar komunikazzjoni li kien hemm fuq il-pagament marbut mal-avveniment tal-Boxing li kien inżamm fl-2024. Qabel ma tat l-aġġornament dwar dan il-każ, is-Sa Meli infurmat lis-Sa Gauci kif hi ma setatx tkun parti mid-diskussjoni dwar dan il-każ peress li hi kienet involuta.

**38/03/26** Is-Sa Meli qrat ir-risposta li kien ippreżenta l-avukat tal-Kunsill sabiex ikun hemm qbil dwar dak li kien hemm miktub qabel ma dan jintbagħat lill-avukat tal-persuna in kwistjoni.

**38/03/27** Is-Sa Meli qrat din l-ittra u talbet l-approvazzjoni tal-Kunsilliera preżenti.

**38/03/28** Il-Kunsilliera preżenti approvaw l-ittra ppreżentata sabiex l-avukat tal-Kunsill jiġu nfurmat dwar dan u l-ittra tintbagħat lill-avukat.

**38/03/29** Is-Sa Meli għamlet referenza għall-lista ta' xogħolijiet li kienu tressqu lill-kupanija, B. Grima, u spjegat kif il-Kunsill qed jistenna li jirċievi l-kwotazzjonijiet tax-xogħolijiet li kienu ġew mitluba matul ix-xhur preċedenti. Hi spjegat kif il-Kunsill ser ikun qed jgħamel mezz li jara li din il-kwotazzjoni tasal mill-aktar fis possibli sabiex jibdew isiru x-xogħolijiet neċessarji.

## 38/04 Tweġibiet mill-Kunsilliera

**38/04/01** Is-Sindku infurmat kif dan il-Kunsill kien irċieva talba mingħand is-Sa Gauci sabiex tressaq talba li jsiru linji doppji sofor quddiem 32, Triq l-Indipendenza, Ħal Għargħur.

**38/04/02** Is-Sa Helen Gauci spjegat kif it-talba li hi kienet ressqet kien propju li ttik il-liġi li tistà ssir mingħajr ma jkun hemm bżonn stennija li din tiġi mressqas għall-approvazzjoni tal-Kunsill peress li d0distanza hija ta' metru 'l bogħod mill-garaxx. Għal din ir-raġuni hi talbet sabiex talbiet bħal dawn ma jkunx hemm għalfejn jiġu mressqa waqt laqgħa tal-Kunsill.

**38/04/03** Is-Sa Meli qalet li jekk it-talba tkun skond il-liġi, it-talba tistà tipproċedi pero jkun tajjeb li tissemma xorta waħda waqt il-laqgħa tal-Kunsill biex b'hekk il-Kunsill ikun inżamm aġġornat b'dak li jkun sar.

**38/04/04** Is-Sa Chris Fenech qabel ma kif kien propost mis-Sa Meli ġaladarba huwa l-metru li ttik il-liġi.

**38/04/05** Is-Sa Meli żiedet tgħid ukoll kif it-talba għall-parkeġġ fi Sqaq il-Ħoffra u talba għall-*motorcycle bay*, qalet kif għalkemm kienu ġew approvata mill-laqgħa tal-Kunsill, dawn għadhom fil-proċesss ta' Transport Malta sabiex dawn jiġu approvati.

**38/04/06** Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera preżenti kif dan il-Kunsill kien irċieva komunikazzjoni mill-Viċi Sindku, is-Sa Francesca Attard, u għal din ir-raġuni ġiet mitluba tressaq it-talba tagħha.

**38/04/07** Is-Sa Attard għamlet referenza għal Triq Għaxqet l-Għajn direzzjoni lejn il-Magħtab (Triq Għar San Brincat), fejn riċentament il-Kunsill kien għamel linji doppji sofor, hi spjegat kif ir-residenti qed jitlobu li jitpoġġew bollards peress li l-vetturi xorta waħda qed jipparkjaw u qed jibqgħu ta' periklu.

**38/04/08** Is-Sa Meli spjegat kif meta riċentament bħala Kunsill kienet tressqa talba simili, l-Kunsill kien ġie infurmat li *f'walkpath* biss dawn jistgħu jitpoġġew. Għaldaqstant is-Sa Meli qalet kif il-Kunsill jistà jressaq it-talba xorta waħda u naraw x'direzzjoni tingħata minn TM.

**38/04/09** Is-Sa Meli staqsiet jekk kienx hemm xi mistoqsijiet oħra li l-Kunsilliera preżenti xtaqu li jressqu qabel tkompli miexja bl-aġenda.

**38/04/10** Il-Kunsilliera, is-Sur Chris Fenech, għamel referenza għax-xogħolijiet li kienu għaddejin fi Triq il-Kbira u l-problema li nqalet minhabba x-xelter li kien instab waqt li kienu qed isiru dawn ix-xogħolijiet. Hu staqsa jekk il-Kunsill kienx infurmat meta din it-Triq kienet ser tingħata t-tieni livell ta' tarmak. Hu qal li din id-domanda kien qed iressaqa peress li r-residenti ta' hemm qed ikollhom problema kull darba li jkun hemm ilma tax-xita.

**38/04/11** Is-Sa Meli spjegat kif dan ix-xelter kien instab fil-ġimgħa ta' żmien il-Milied umbad daħal il-perjodu tal-festi tal-Milied u kollox kien wieqaf. Hi spjegat kif wara l-5 ta' Jannar 2026, IM reġgħet daħlet fil-każ peress li kellu jissejjaħ arkeoloġista peress li s-Supretendent tal-Kultura kien qal li dan ma jistax jingħalaq imma għandu jkun hemm aċċess permezz ta' bokka għall-entratura. Sadanittant din il-bokka ġiet mgħottija b'tali mod li ma jkunx jistà jidħol ilma ġox-xelter.

**38/04/12** Is-Sa Meli kompliet tispjega kif il-Kunsill ra li r-residenti jkunu akkomodata termporanjament u kif IM qed jistennew mingħand l-arkeoloġist sabiex ix-xogħolijiet ikunu jistgħu jitkomplew.

**38/04/13** Is-Sur Chris Fenech issuġġerixxa li aġġornament dwar dan kollu għandha tiġi kkomunikata lir-residenti li hemm f'din it-Triq.

**38/04/14** Kien hemm qbil sabiex tintbagħat ittra uffiċċjali mill-Kunsill lir-residenti sabiex ikunu nfurmata b'dak kollu li qed jiġri.

**38/04/15** Is-Sur Chris Fenech fakkar ukoll f'numru ta' bozzoz li kienu ġew irrappurtata u li kienu għadhom pendenti.

**38/04/16** Is-Sa Meli infurmat kif dawn kienu mgħoddija lill-istaff tal-Kunsill sabiex jiġu rrappurtati u kif ser jivverifikaw biex jaraw fiex kienu waslu.

**38/04/17** Is-Sa Meli żiedet tgħid ukoll kif matul il-ġimgħa kien hemm diversi residenti li esperjenzaw qtugħ fid-dawl u l-problema li sabu kienet qed tiġi ndirizzata mill-ħaddiema ta' l-enemalta u kienet infurmata li din kienet solvuta.

**38/04/18** Is-Sa Meli talbet lill-Kunsilliera preżenti tressaq komunikat ieħor li bi żvista kienet insiet issemmieħ fil-punti tagħha dwar il-Kumitat ta' l-Anzjani tal-Għargħur. Hi spjegat kif fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill kien hemm qbil li l-Kunsill kien lest li jiltaqgħu magħhom.

**38/04/19** Is-Sa Meli qalet kif din il-laqgħa kienet inżammet u kif kien hemm opinjonijiet differenti. Hi qalet kif għaldaqstant il-kumitat ma reġax ifforma pero hi nfurmat kif l-attivitajiet ser jibqgħu għ addejin. Hi qalek kif il-bieb tal-Kunsill huwa miftuħ dejjem għal kulħadd .

**38/04/20** Is-Sa Gauci staqsiet jekk l-attivitajiet ta' l-anzjani hux ser jibqgħu għaddejjin. Hi speċifikat fuq dawk immirrati lejn l-anzjani biss.

**38/04/21** is-Sa Meli ikkonfermat kif l-attivitajiet kollha ser jibqgħu għaddejjin u għal kulħadd. Hi spjegat li jistgħu jsiru attivitajiet li diġa saru kif ukoll atittivtajiet ġodda. Hi kompliet thid kif il-Kunsill Lokali jikkonsisti f'hames Kunsilliera u kulħadd għandu dritt jiġi madwar din il-mejda u jressaq l-ideat tiegħu. Hi qalet ukoll kif j'Alla meta xi ħadd jipproponi l-attivitajiet ikun ukoll preżenti għall-avveniment ukoll.

## 38/05 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħolijiet

- ***Rapporti***

**38/05/01** Is-Sindku, is-Sa Mariah Meli, infurmat li dawn ir-rapporti kienu ppreżentati fil-bidu ta' din il-laqgħa fil-preżenza ta' l-accountants tal-Kunsill.

- ***Ordnijiet ta' Xogħolijiet***

**38/05/11** Is-Sindku nfurmat kif nhar il-Ġimgħa 9 ta' Jannar 2026 dan il-Kunsill kien irċieva komunikazzjoni mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali dwar il-pożizzjoni ta' Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill Lokali ta' Ħal Għargħur. Hi spjegat kif b'kollox kien hemm tliet persuni li huma interessati għal din il-pożizzjoni u għal din ir-raġuni għandha tiġi magħżula data u ħin sabiex dawn l-intervisti jkunu jistgħu jinżammu.

**38/05/12** Is-Sa Meli qalet kif peress li diġa ma kienx hemm ħafna applikazzjoni u sabiex tiġi mminimiżżata l-possibilità li jilħqu jsibu post ieħor, irrakkomandat li tinstab data u ħin sabiex isiru dawn l-intervisti mill-aktar fis possibli.

**38/05/13** Kien hemm qbil li jinżamm l-istess bord li kien preżenti fl-aħħar intervisti li kienu nżammu għall-istess pożizzjoni pero kien hemm qbil ukoll li għall-intervisti setgħu jattendu wkoll il-kumplament tal-Kunsilliera.

**38/05/14** Kien hemm qbil mill-Kunsilliera preżenti sabiex dawn l-intervisti jinżammu nhar il-Ġimgħa 23 ta' Jannar 2026 mill-4 ta' filgħaxija 'il quddiem.

**38/05/15** Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera kif nhar il-Ġimgħa 9 ta' Frar 2026 jiena, hi flimkien mal-Viċi Sindku u d-DSE kienu attendew laqgħa onlajn mal-Università ta' Malta fejn l-istudenti mill-fakulta ta' *Built Environment* ippreżentaw l-informazzjoni li sabu fil-lokalità tal-Għargħur u kull student ippreżenta l-ideat ta' kif il-lokalita tistà tkun aħjar permezz ta' proġetti. Kien hemm suġġeriment li dawn id-dokumenti, meta jkunu finalizzata, il-Kunsill għandu jsejjaħ laqgħa ta' konsultazzjoni mar-residenti sabiex dawn il-proposti u ideat jiġi diskussa.

**38/05/16** Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera preżenti sabiex lejn Lulju ta' din is-sena tinżamm laqgħa mar-residenti sabiex dawn il-proposti jiġu diskussa magħhom.

**38/05/17** Is-Sindku ressqet fuq il-mejda komunikazzjoni li dan il-Kunsill kien irċieva mingħand ir-Reġjun Tramuntana dwar pagament ta' xogħol ta' amministrazzjoni li kien sar fl-2021 għal prezz ta' €1,049.38.

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

**38/05/18** Is-Sa Meli spjegat kif la hi u lanqas id-DSE ma kienu preżenti fil-Kunsill meta dan ix-xogħol kien sar.

**38/05/19** Is-Sa Gauci qalet kif is-servizz amministrattiv kien intalab sabiex jidħlu uħud mis-Sibtijiet peress li l-prassi li l-Kunsill jinfetaħ nhar tas-Sibt kienet għadha kif daħlet fis-seħħ u peress li ħadd mill-impjegati ma' setgħux jidħlu, kienu ġew mitluba jidħlu

**38/05/20** Is-Sa Meli spjegat kif id-dati mniżżla ma kienux nhar t' Sibt imma ġranet matul il-ġimgħa.

**38/05/21** Is-Sa Gauci ikkonfermat li dawn kienu marru l-uffiċċju s-Sibt u mhux fost il-ġimgha.

**38/05/22** Is-Sa Meli spjegat li hi ma kinitx komda tħallas pagament li ma hemmx infurmazzjoni fuqha u nfurmat kif hi ser tkun qed titlob dokumentazzjoni fejn dan is-servizz kien ġiet mitlub mill-Kunsill.

**38/05/23** Is-Sa Meli għamlet referenza għall-proġett tal-'Youth Mobility' li qed jinżamm permezz tal-fondi mgħotija mill-UE. Hi fakkret li l-uffiċċju kien qed jiġbor il-kwotazzjonijiet neċessarji u minħabba ż-żmien ipproċeda bl-orħos kwotazzjonijiet provduta.

**38/05/24** Is-Sa Meli ippreżentat kwotazzjonijiet għall-kok li ser ikun qed issajjar għal 36-il persuna u l-orħos kwotazzjonijiet kienet dik imressqa mingħand is-Sur Abraham Azzopardi, kif ukoll kwotazzjonijiet għal min ser ikun qed jieħu ħsieb il-loġistika u kitba tal-proġett u l-orħos kwotazzjoni kienet dik mingħand Zarb Consulting Solutions Ltd.

**38/05/25** Il-Kunsilliera preżenti approvaw dawn il-kwotazzjonijiet.

**38/05/26** Is-Sa Meli kompliet tispjega kif il-programm ser ikun qed ikun ibbażżat fejn l-akkomodazzjoni magħżula biex ma jkunx hemm ħafna infieq fit-trasport pero spjegat kif ser ikun hemm diversi drabi li dawn l-istudenti ser ikunu qed jiġu Ħal Għargħur permezz tat-trasport provdut.

**38/05/27** Is-Sa Meli kompliet tgħid kif dettalji dwar dan il-programm ser ikun qed jiġi mħabbar fuq il-paġna soċjali ta' Facebook tal-Kunsill u fiha ser ikun hemm stedina biex in-nies jattendu u jipparteċipaw ukol, fosthom l-*Intercultural Night* nhar it-Tnejn 9 ta' Frar 2026 mit-8 ta' filgħaxija 'l quddiem. Hi spjegat kif waqt din is-serata, li ser tkun qed tinżamm il-Kunsill, fiha ser ikun hemm ċans li kulħadd iduq l-ikel tradizzjonali ta' xulxin. Hi qalet ukoll kif il-Kunsill ser ikun qed jipprovdi ikel Malti.

**38/05/28** Is-Sa Meli żiedet tgħid ukoll kif ser tkun qed tintuża wkoll il-Football Pitch tal-Għargħur fejn fiha ser ikun hemm Sports Day u tournaments. Hi infurmat ukoll kif il-grupp ser ikun compost minn żagħżagħ ta' bejn 15 u 30 sena.

**38/05/29** Is-Sa Meli għamlet referenza għall-proġett tal-*pocket gardens* li huma parti mill-iskema ta' manutezzjoni u sostenn, u nfurmat kif kienu inġabru kwotazzjonijiet biex isiru *cigarette bins.* Hi infurmat kif l-orħos kwotazzjoni kienet dik provduta minn Ballot Team Bins.

## 38/06 *Performance Appraisals* tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv, Segretarju Eżekuttiv u ta' l-Impjegati għas-sena 2025

**38/06/01** Is-Sindku, is-Sa Mariah Meli, ressqet fuq il-mejda r-rapport tad-DSE għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2025 sal-14 ta' Lulju 2025 u mill-1 ta' Settembru 2025 sal-31 ta' Diċembru 2025.

**38/06/02** IS-Sa Meli nfurmat li hi kienet qed tipproponi li lid-DSE tingħata 9% *Performance Bonus.*

**38/06/03** Is-Sa Meli ressqet fuq il-mejda r-rapport tas-Segretarju Eżekuttiv mill-14 ta' Lulju 2025 sal-31 ta' Awwissu 2025.

**38/06/04** Is-Sa Meli ipproponiet li s-Sa Vassallo tingħata 7% *Performance Bonus*.

**38/06/05** Il-Kunsilliera preżenti approvaw dawn ir-rapporti.

**38/06/06** Is-Sindku talbet lid-DSE tressaq ir-rapporti taż-żewġ impjegati fil-Kunsill.

**38/06/07** Id-DSE ipproponiet li s-Sa Cuschieri Muscat għandha tingħata 8% filwaqt li s-Sur Debono għandu jingħata 7% *performance bonus* għas-sena 2025. Hi spjegat kif matul is-sena 2025 kien hemm diversi nuqqasijiet u dawn ġew imressqin permezz ta' *warning letter.* Hi spjegat ukoll kif wara li kienet inżammet l-aħħar laqgħa, kien hemm nuqqasijiet li kienu qed jiġu indirizzata.

**38/06/08** Is-Sindku qalet kif matul is-sena 2025 kienu saru diversi laqgħat mal-ħaddiema dwar in-nuqqasijiet li kien qed ikun hemm u jekk dawn in-nuqqasijiet ser jibqgħu preżenti, ser ikunu qed jinħarġu aktar *warnings* u qalet kif hi tittama li dan ikun inċentiv sabiex in-nuqqasijiet jitranġaw.

**38/06/09** Il-Kunsilliera preżenti approvaw dawn ir-rapporti.

## 38/07 Kuntratti, Tenders u MOUs

**38/07/01** Is-Sindku għamlet referenza għat-tender – *GLC02/2025 – Services – Collection of Bulk Refuse from the Locality of Gharghur Using Low Emission Transport* – u nfurmat kif il-bord iltaqà nhar it-Tnejn 12 Ta' Jannar 2026 pero l-aġġudikazzjoni ma setatx tiġi konkluża minħabba li kien hemm bżonn jintbagħtu kjarifikazzjonijiet.

**38/07/02** Is-Sindku għamlet referenza għat-*Tender - GLC/03/2025 - works- resurfacing of Triq Għaxqet l-Għajn including installation of lighting and benches using environmentally friendly materials and practices* – u spjegat kif il-bord iltaqà nhar it-Tnejn 12 Ta' Jannar 2026 pero l-aġġudikazzjoni ma setatx tiġi konkluża minħabba li kien hemm bżonn jintbagħtu kjarifikazzjonijiet.

**38/07/03** Is-Sindku infurmat kif it-tender tal-vann qed jiġi konkluż fil-ġranet li ġejjin u jiġi aplowdjat fuq is-sistema tal-EPPS.

## 38/08 Attivitajiet

**38/08/01** Is-Sa Meli infurmat kif hemm il-logħba football ta' l-anzjani nhar il-Ġimgħa 30 ta' Jannar 2026.

**38/08/02** is-Sa Meli infurmat kif l-iskema finanzjarja tal-Karnival 2026 kienet ġiet approvata u għal din ir-raġuni hi spjegat kif bdet il-preparament meħtieġa. Hi fakret kif l-attività ser issir nhar il-Ġimgħa 6 ta' Frar 2026 mis-7 ta' filgħaxija 'l quddiem u kif l-Kunsill qed javviċina diversi sponsors biex jingħataw bħala Premji lil dawk it-tfal li ser jieħdu sehem fil-kompetizzjoni tal-kostum tal-Karnival u fil-Karru tal-Karnival magħmul minn materjal riċiklat.

**38/08/03** Is-Sa Gauci rrimarkat li l-avveniment kien ser jinżamm wisq kmieni.

**38/08/04** Is-Sa Meli fakkret li din id-data kienet ġiet diskussa u mqbula waqt laqgħa tal-kunsill meta kienet diskussa l-applikazzjoni għal din l-iskema. Hi fakret ukoll li din id-data kienet mgħażula sabiex ma taħbatx mal-attivitajiet li jkunu organizzata l-Belt.

**38/08/05** Is-Sa Gauci talbet tkun taf x'ser tkun qed tikkonsisti din l-attività u jekk il-banda tar-raħal kienitx ser tieħu sehem billi s-sena li għaddiet kien hemm proposta li jieħdu sehem.

**38/08/06** Is-Sa Meli qalet li l-Kunsill ser jimxi ma'dak kollu li kien imressaq fl-applikazzjoni hekk kif kien maqbul mill-Kunsill.

**38/08/07** Is-Sa Meli ressqet fuq il-mejda proposta sabiex issir attività għall-anzjani għal żmien il-Karnival 2026 ġewwa l-Aroma Restaurant il-Għargħur nhar il-Ġimgħa 13 ta' Frar 2026 – mid-9:30am 'l quddiem. Ser ikun hemm kant mis-Sur Freddie Portelli u l-prezz ser ikun ta' €12 kull persuna fejn ser ikun hemm xorb u *party food*. Hi nfurmat kif l-ispiża ta' Freddie Portelli ser jiġu *sponsored* sabiex ma jinħarġux flus mill-Kunsill.

**38/08/08** Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni dwar dan.

**38/08/09** Is-Sa Meli ressqet fuq il-mejda proposta sabiex tinżamm ġurnata Għawdex għall-Anzjani nhar il-Ħamis 19 ta' Marzu 2026 fejn it-tluq ikun fis-7 ta' filgħodu mill-Pjazza, fejn umbad ikun hemm waqfa r-Rabat għal Kafe, fil-11:15 ikun hemm il-quddies f'Ta' Pinu u wara jinżamm lunch ġewwa l-Odyssey, Marsalforn. Hi infurmat kif l-Prezz ser ikun ta' €23 lill-anzjani u €15 lit-tfal li forsi jkunu jixtiequ jakkumpanjaw.

**38/08/10** Kien hemm qbil dwar din il-proposta.

**38/08/11** Is-Sa Meli għamlet referenza għall-programm Bonġu Malta li qed isir f'kull lokalità madwar Malta fuq it-televiżjoni, ser ikunu qed jgħamlu dan il-programm mill-Għargħur nhar il-Ħadd 22 ta' Frar 2026 u għal din ir-raġuni ser jibda l-aspett loġistiku relatat ma' dan il-progamm.

**38/08/12** Is-Sa Meli ressqet proposta sabiex tinżamm ġita għal Sqallija. Peress li din qed tgħin fl-organizzazzjoni s-Sa Attard, is-Sa Meli talbet lis-Sa Attard tagħti d-dettalji marbuta ma' din l-attività.

**38/08/13** Is-Sa Attard spjegat kif din ser tinżamm nhar it-Tnejn 16 ta' Frar 2026 fejn il-prezz ser ikun ta' €135 għal adult, €115 għal tfal bejn l-4 u 11-il sena, u tfal taħt it-3 snin huma b'xejn. Hiqalet kif it-tluq minn malta ser ikun fis-6:30am ta' filgħodu.

**38/08/14** Il-Kunsilliera approvaw din il-ħarġa.

**38/08/15** Is-Sa Attard ressqet proposta sabiex b'kollaborazzjoni mal-Kapillan tal-Parroċċa tiġi organizzata ġita għal Lourdes li ser tinżamm mis-26 ta' Lulju sat-30 ta' Lulju 2026. Hi infurmat kif prezz għal kamra trippla - €880; kamra doppja - €895, Kamra singla - €985; kamra doppja b'tifel/tifla - €765. Prezz jinkludi titjira, lukanda ta' 3 stillel, eskurssjonijiet kollha, tour leader, taxxi u service charge.

**38/08/16** Il-Kunsilliera preżenti approvaw din il-ġita.

**38/08/17** Is-Sa Meli infurmat kif hi kienet ġiet avviċinata mill-klabb tal-futball tal-Għargħur jitolbu l-għajnuna biex jgħamlu l-gerijiet tal-*minors* għal prezz ta' €500 u jkun hemm il-logo tal-Kunsill fuq il-*gear.*

**38/08/18** Il-Kunsilliera fakru li donazzjonijiet ma jistgħux jingħataw pero kien hemm qbil li din tiġi vverifikata.

## 38/09 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

**38/09/01** B'referenza għall-iskeda ta' ħlasijiet is-Sindku infurmat kif il-Kumitat tal-Finanzi kien żamm laqgħa sabiex idur l-iskeda ta' pagamenti li qed jiġu ppreżentati f'din il-laqgħa. Għal din ir-raġuni hi ppreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Aġenda.

**38/09/02** Il-mozzjoni ġiet approvata fuq proponet tas-Sa Francesca Attard u sekondanta mis-Sur Christopher Fenech.

## 38/10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**38/10/01** Il-laqgħa spiċċat fis-18:57p.m. wara li l-*items* fuq l-Aġenda ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar it-Tnejn 9 ta' Frar, 2026, fil-5:30p.m.

| *IFFIRMATA* | *IFFIRMATA* |
|---|---|
| **Mariah Meli**<br>**Sindku** | **Jeanette Galea**<br>**Deputat Segretarju Eżekuttiv** |